

# Kawża C-196/08

**Acoset SpA**

**vs**

**Conferenza Sindaci e Presidenza Prov. Reg. ATO Idrico Ragusa et**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mit-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia)

“Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE — Għoti ta’ kuntratti pubbliċi — Għoti tas-servizz tal-ilma lil kumpannija pubblika b’shem privat — Proċedura ta’ kompetizzjoni — Ħaġra tas-soċju privat inkarigat mill-operat tas-servizz — Għoti b’nuqqas ta’ kunsiderazzjoni tar-regoli tal-għoti ta’ kuntratti pubbliċi”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali D. Ruiz-Jarabo Colomer, ippreżentati fit-  
2 ta’ Ġunju 2009 . . . . . I - 9915  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta’ Ottubru 2009 . . . . I - 9940

Sommarju tas-sentenza

*Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi —  
Konċessjoni ta’ servizzi pubbliċi — Soċjetà pubblika-privata*

(Artikolu 43 KE, 49 KE u 86 KE)

L-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE ma jipprekludux l-ġhoti dirett ta' servizz pubbliku li jimplika t-twettiq minn qabel ta' ċerti xogħlijiet lil kumpannija b'kapital pubbliku b'shem privat, maħluqa speċjalment għall-provvista ta' dan is-servizz u li għandha għan wieħed, li fiha s-soċju privat huwa magħżul fuq sejħa għal offerti pubblika, wara verifika tal-kundizzjonijiet finanzjarji, tekniċi, operattivi u amministrattivi fir-rigward tas-servizz li għandu jiġi żgurat u l-karatteristiċi tal-offerta fir-rigward tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, bil-kundizzjoni li l-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni tkun konformi mal-prinċipji ta' kompetizzjoni libera, ta' trasparenza u ta' trattament ugwali imposti mit-Trattat għall-konċessjonijiet.

Fil-fatt, ir-rikors għal proċedura doppja tas-selezzjoni tas-soċju privat tal-kumpannija pubblika b'shem privat, l-ewwel, u l-ġhoti tal-konċessjoni lil din il-kumpannija, sussegwentement, huwa ta' natura li jiskoraġġixxi lill-entitajiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi li jikkostitwixxu soċjetajiet pubbliċi-privati istituzzjonalizzati minħabba t-tul ta' żmien inerenti għall-implementazzjoni ta' tali proċeduri u tal-inċertezza legali f'dak li jikkonċerna l-ġhoti tal-konċessjoni lis-soċju privat magħżul qabel.

Filwaqt li n-nuqqas ta' sejħa għal offerti fil-kuntest tal-ġhoti ta' servizzi jidher irrikonċiljabbli mal-Artikoli 43 KE u 49 KE u mal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' non-diskiminazzjoni, is-selezzjoni tas-soċju privat fl-osservanza fir-rekwiżiti u l-għażla tal-kriterji ta' selezzjoni tas-soċju privat tippermetti li din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, peress li l-kandidati għandhom jistabbilixxu, minbarra l-kapaċità tagħhom li jsiru azzjonisti, qabel kollox il-kapaċità teknika tagħhom sabiex jipprovdu s-servizz u l-vantaġġi ekonomiċi u oħrajn li jirriżultaw mill-offerta tagħhom.

Sa fejn il-kriterji ta' selezzjoni tas-soċju privat huma bbażati mhux biss fuq il-kapital miġjub, iżda wkoll fuq il-kapaċità teknika ta' dan is-soċju u fuq il-karatteristiċi tal-offerta tiegħu rigward is-servizzi speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti, u li dan is-soċju jiġi fdat l-attività operattiva tas-servizz inkwistjoni u għalhekk l-amministrazzjoni tagħha, jista' jiġi kkunsidrat li s-selezzjoni tal-konċessionarju tirriżulta indirettament minn dik ta' dan is-soċju li seħħet fi tmiem proċedura li tosserva l-prinċipji tad-dritt Komunitarju, b'mod li t-tieni proċedura ta' kompetizzjoni fid-dawl tas-selezzjoni tal-konċessionarju mhijiex iġġustifikata.

(ara l-punti 59-61 u d-dispożittiv)